# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2000**

**Numru 27**

**Citaz. numru 868/93DS**

Joseph Fino bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Blupunt Co. Ltd.
vs
John Agius, direttur, ghan-nom tas-socjeta`, u dan bhala direttur, ta' Construct Furniture Co. Ltd.

Illum, 14 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Gunju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-attur pro et noe biegh u kkonsenja lill-konvenut pro et noe "spray paint", fejn ghad baqa' bilanc ta' hames mija u tlett liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm503.11) Dok. "A";

Illi l-attur pro et noe interpella inutilment lill-konvenut pro et noe biex ihallas din is-somma, pero' xorta baqa' inadempjenti: Dok "B" u "C";

Illi l-ammont ta' hames mija u tlett liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm503.11) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur pro et noe, il-konvenut pro et noe m'ghandu ebda raguni valida fil-ligi biex jopponi t-talba attrici.

talab lil din il-Qorti, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u l-provvedimenti opportuni, li:

a. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet tal-attur pro et noe minghajr is-smiegh tal-kawza u dan skond l-artikoli 167 - 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12)

b. Tikkundanna l-konvenut pro et noe ihallas lill-attur pro et noe l-ammont ta' hames mija u tlett liri Maltin u hdax il-centezmu (Lm503.11) bilanc ta' spray paint debitament mibjugh u konsenjat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra bonarja tal-24 ta' Ottubru 1992 u ittra ufficjali tal-21 ta' Dicembru 1992 kif ukoll Mandat ta' Sekwestru tal-4 ta' Gunju 1993 kontra l-konvenut pro et noe li jibqa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Il-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2148 tal-Kap. 16.

2. Illi fi kwelunkwe kaz it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggetti konsenjati ma kienux tal-kwalita pattwita.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut nomine fejn, wara li ppremetta:

1. Illi huwa jipprevalixxi ruhu mill-procedura istitwita mill-attur noe u ai termini tal-Art. tal- Kap. qed jipprezenta dina l-kontratalba.

2. Illi huwa xtara minghand l-atturi kwantita' ta' zebgha ghall-ispray.

3. Illi dina ma kienitx tal-kwalita pattwita tant illi kull prodott mahdum biha jisfar wara ftit gimghat.

4. Illi l-atturi irrikonoxxew dan in-nuqqas u anke waslu biex biddlu l-agenzija izda ma waslux biex jikkompensaw lill-konvenut noe ghad-danni li sofra.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-atturi responsabbli ghad-danni kollha kagunati lis-socjeta' Construct Furniture Co. Ltd. b'konsegwenza tal-bejgh ta' zebgha bajda tal-ispray difettuza.

2. Tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha sofferti mis-socjeta' Construct Furniture Co. Ltd. okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-John Agius ghan-nom tas-socjeta' Construct Furniture Co. Ltd. in linea ta' danni s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-atturi rikonvenzjonati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur nomine fejn qal:

1. Illi ghar-rigward l-ewwel aspett u cioe' li qed jigi presunt li hi ta' preskrizzjoni, din trid tigi verifikata stante li l-attur hu l-agent tal-prodott u jbiegh bhala "celolesoler" biex b'hekk tapplika, se mai, sezzjoni 2156(f) tal-Kodici Civili u mhux is-Sezzjoni kwotat mill-konvenut.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueespost anki kieku ghall-argument il-konvenut noe ghandu ragun, il-fatt li l-ittra mibghuta minnu stess datata 6 ta' Ottubru 1992 hu indika b'mod car li "we are aware of the balance of Lm503.32,9" il-konvenut stess interrompa l-preskrizzjoni liema haga pero' giet imsahha bil-presentazzjoni ta' ittri ufficjali datati 21 ta' Dicembru 1992 u 4 ta' Gunju 1993.

3. Illi ghar-rigward il-prodott odjern ta' spray dan hu l-prodott pattwit fejn l-istess prodott dejjem kien imfahhar u qed jigi uzat b'mod generali b'akkuzi esagerati tal-konvenut noe li ma giebx prova sostanzjali biex jipprova li lis-spray kienet il-kawza tal-"colouring" f'isfar.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbali tax-xiehda migbura mill-assistenta gudizzjarja Dr. Nadia O'Flaherty u l-assistant gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 1995, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine, dik li l-azzjoni tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kap 16, giet michuda. Ghalhekk il-Qorti se tikkonsidra mill-ewwel il-mertu tal-kaz.

Qabel xejn pero` jigi osservat li fic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni annessa nsibu referenza ghall-attur "pro et noe" u ghall-konvenut "pro et noe". Jidher li din id-desinjazzjoni hija erroneja peress li kemm fl-ewwel pagna tac-citazzjoni fejn hemm indikati l-ismijiet tal-partijiet kif ukoll mill-provi li tressqu huwa evidenti li hawn si trattava ta' relazzjoni bejn zewg socjetajiet kummercjali, dik attrici rapprezentata minn Joseph Fino u dik konvenuta rapprezentata minn John Agius.

Dwar ix-xhieda prodotti mill-partijiet hemm konkordanza dwar il-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet klijenta regolari tas-socjeta` attrici u li l-ilmenti tal-konvenut nomine kienu jirrigwardaw l-ispray paint ta' kulur abjad li allegatament sfar meta kien applikat fuq bieb, fuq il-kcina fix-showroom tieghu u fuq xi kcejjen mixtrija minn klijenti taghhom. Il-konvenut nomine jidher li qed jillimita l-allegazzjoni tieghu ta' prodott difettuz ghall-finish ghaliex, kif xehed fis-26 ta' Marzu 1996, komplew juzaw l-undercoat tas-socjeta` attrici "ghaliex il-basecoat ma taffettwax u l-finish naturalment huwa dak li jaffettwa l-prodott". Dwar zebgha li ntuzat fuq bieb ta' barra l-konvenut nomine ammetta li kien zball tieghu u l-kwistjoni kienet ghalhekk fuq iz-zebgha tal-kcejjen.

L-attur nomine, kif korroborat bix-xiehda ta' Frans Vella (seduta tas-6 ta' Frar 1996), ikkonferma li kien mar ghand il-konvenut nomine sabiex jara x'kien l-ilment kif ukoll illi l-konvenut kien jixtri ukoll minghand haddiehor, u kif specifikatament indikat mill-istess Frans Vella "minghand il-Molten", izda li minkejja l-ilmenti l-konvenut nomine xorta kien baqa' jixtri minghand is-socjeta` attrici. Huwa kkontesta l-ilment tal-konvenut nomine fuq il-kcejjen tal-klijenti tieghu fis-sens li qatt ma gie mistieden jarahom u dwar il-kcina fix-showroom tal-konvenut nomine huwa kkontesta wkoll il-fatt li din kienet sfaret.

L-attur nomine qiegħed jitlob li l-konvenut nomine jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm503.11 bħala bilanc ta' somma akbar għaz-żebgħa mibjugħa u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta. Il-konvenut nomine fl-ebda waqt ma kkontesta dan l-ammont. Sahansitra fis-seduta tas-26 ta' Marzu 1996 iddikjara li "dak l-ammont huwa fil-fatt il-bilanc li jidher li huwa dovut skond il-kotba tagħna bħala bilanc mill-prezz ta' prodotti mixtrija" mingħand is-socjeta` attrici. Il-kontestazzjoni tal-konvenut nomine fil-fatt hija fis-sens li z-żebgħa l-bajda ma kenitx tal-kwalita` pattwita peress li kienet tisfar wara xi żmien li tkun ġiet applikata u għalhekk ressaq il-kontrotalba tiegħu biex jiġu likwidati d-danni konsegwenzjali li sofra.

F'dar-rigward, apparti x-xiehda tal-konvenut stess, hemm ix-xiehda ta' Bridget Agius li tiġi mart il-konvenut John Agius. Huma konkordi fl-ilment tagħhom dwar iz-żebgħa u anke dwar l-ilmenti li għamlulhom xi klijenti. Bridget Agius xehdet li hi dejjem offriet lill-attur biex tiehdu għand il-klijenti tagħhom li kellhom din il-problema izda hu donnu qatt ma ta kaz. Peress li l-klijenti bdew jippressawhom, kellhom jisprejjaw il-kċejjen mill-ġdid. Meta kellhom bilanc ta' madwar Lm500 hija qalet lill-attur li ma kinux se jħallsu qabel ma jirranġaw il-problema. Hija elenkat l-ismijiet tan-nies li kienu hadmulhom kċejjen u li kellhom ilmenti fuqhom. Għalhekk sofrew danni minħabba li kellhom jisprejjaw il-kċejjen mill-ġdid.

Għalkemm hemm qbil bejn dak li qalu l-konvenut u l-mara tiegħu dwar l-ilment tagħhom u tal-klijenti, u għalkemm jidher li l-attur stess indika li kien lest igħin, cahad li qatt qal lill-konjuġi Agius biex lin-nies jirranġawlhom imbagħad huma jirranġaw bejniethom. Inoltre s-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova dokumentarja jew prova oħra in sostenn ta' din l-allegazzjoni tagħhom. Ma ressqet l-ebda prova dwar id-danni allegatament sofferti. Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1996 Bridget Agius ippromettiet li tipprovdi stima ta' l-ispejjez li soprew biex irranġaw il-ħsara lill-kċejjen u xi bibien ta' ġewwa. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 1997 quddiem l-assistenta ġudizzjarja Dr. Nadia O'Flaherty dehru biss id-difensuri tal-partijiet. Fis-seduta ta' l-24 ta' Frar 1997 quddiem l-istess assistenta ġudizzjarja dehret Bridget Agius mhux assistita u ma xehditx. Fis-seduta ta' l-24 ta' Frar 1998 quddiem l-assistant ġudizzjarju Dr. Kenneth Gulia xehdu in kontro-ezami John Agius u Bridget Agius izda ħadd minnhom ma offra xi provi dwar l-allegati danni. Sussegwentement inżammu ħames seduti oħra mill-assistant ġudizzjarju li għalihom ma deher ħadd. Il-Qorti wkoll żammet żewġ seduti għall-finalizzazzjoni tal-provi (fil-5 ta' April 2000 u u fid-19 ta' Mejju 2000) u f'dawn iz-żewġ seduti ma deher ħadd għas-socjeta` konvenuta.

F’dawn ic-cirkostanzi, tenut kont tal-provi dokumentarji prodotti mill-attur nomine dwar l-ammont pretiz kif mhux kontestat mill-konvenut nomine, tenut kont in-nuqqas ta’ provi dwar prodott difettuz u danni sofferti mill-konvenut nomine, it-talba attrici ghandha tigi milqugha u l-kontro-talba michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tichad ukoll il-kontrotalba tal-konvenut nomine, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta’ Lm503.11. Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**